MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1708/2004

**Philip Micallef**

**vs**

**Vincent Attard**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta’ Settembru 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ mija u hamsa u sebghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm175.95) bilanc ta’ somma akbar, rapprezentanti merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fuq inkarigu specifiku tieghu u li sa issa ma thallsitx, flimkien mal-imghax fuq l-istess mid-data ta’ kull fattura u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 23 ta’ Awissu 2004, kollha kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Illi kull ma ghandu jaghti l-konvenut hija s-somma ta' Lm115.00.
Dan qed jigi kontestat billi gja' kitiblu fl-ammont talvolta dovut. Anki mid-dokumenti bejniethom dan l-ammont kien jirrizulta li ghandu jaghti.

Sema' x-xhieda tal-attur u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda talba da parti tal-attur ghall-kundanna ghall-hlas tal-konvenut tas-somma ta' Lm175.95 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta frames u souvenirs li l-attur kien biegh lill-konvenut. L-attur esebixxa l-fatturi u l-istatements relattivi ghat-talba tieghu (a fol. 18 sa 24) u kkonferma bil-gurament li l-bilanc minnu mtilub ghadu dovut.

Il-konvenut min-naha l-ohra jammetti li s-somma ta Lm115.00 hija effettivament dovuta lill-attur izda jikkontendi li l-bilanc m'huwiex dovut stante li dan il-bilanc diga' gie mhallas minnu.

Huwa principju kardinali fil-gurisprudenza nostrana li min jeccepixxi l-pagament irid jippruvah. L-ahjar prova ta' dan hija l-produzzjoni tal-ircevuta relattiva. Fil-kawza odjerna l-konvenut naqas milli jiproduci tali ricevuta in kwantu jirrigwarda l-bilanc li huwa jallega li hallas. L-attur min-naha l-ohra rnexxielu jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-bilanc minnu mitlub ghadu dovut mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta mija u hamsa u sebghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm175.95), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------